# Dawl Franġiskan

GĦADD 429 | APRIL 2023 | IT-43 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373



DAN HU L-JUM LI GĦAMEL IL-MULEJ:
ĦA NIFIRĦU U NITHENNEW FIH!
HALLELUJAH

# werrej


**4** Il-konverżjoni **li jitlob minna żmien ir-Randan** Fr Philip Cutajar OFMCap

**7** Ħsieb u riflessjoni **għaż-żmien tar-Randan 2023** Manwel Cutajar

**10** min hu l-aqwa u **l-aktar b'saħħtu fid-dinja kollha** Fr Philip Cutajar OFMCap

**12** Il-misteru **tat-traditur** Sr Chiara Benedicta tas-Salib OSC

**16** Is-sitt pjaga **ta' Kristu** Domenic Xuereb

**17** Il-kelma **fl-Avvent u lil hinn** Bertram Portelli

**19** Padre Pio **u l-ewkaristija** (Ir-Raba' Parti) Vincent Vella OFS














## Ħsieb tal-faċċata

Sultan qawwi, Kristu Sidna
bik li rajna s-salvazzjoni;
għax kont int li fdejt id-dinja
li b'salibek tajtna l-glorja.

B'mewtek qridt il-mewt għalina;
għajn tal-ħajja, tajtna l-ħajja;
lix-xitan qarrieq, li daħħal
fostna l-mewt, taħt riġlek xħettu.




**22** Ruħi għatxana għalik, Mulej!
**Randan fl-għemil mhux fil-kliem**
George Zammit

**24** Il-vara ta' San Mikiel u **l-vara titulari ta' San Pawl** (l-Għaxar Parti)
Joseph C. Camilleri
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)

**26** Aħbarijiet tal-Provinċja -
**mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin**
Br Miguel Zammit OFMCap
segretarju provinċjali

**30** Matul il-jiem **tar-Randan**
Joseph C. Camilleri
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)

**32** Mixja Sinodali... Tiġdid veru ta' ħajjitna...
**F'dinja bil-għatx għal Alla...**
Fr Silvestru Bonavia OFMCap

**34** L-Għid il-Kbir
**Ħaruf bil-qaqoċċ il-forn**
Fr Paul Bugeja OFMCap

**35** **Kompetizzjonijiet**
Fr Wistin Attard OFMCap

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur.
Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

# bord editorjali

**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - A.Flame

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

**Telefown:** 2123 3874

**Fr Philip Cutajar Mob:** 7933 5692

**Dorian Holland Mob:**
7722 3730 | 7756 8801

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:**
Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789

**© Dawl Franġiskan 2023**

**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

# Il-konverżjoni **li jitlob minna żmien ir-Randan**



Fr Philip Cutajar OFMCap



*Ix-xahar ta' April, xahar li fih għandna l-aħħar ġranet tar-Randan imqaddes, li jdaħħluna għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa u għat-tlett ijiem tal-Għid il-Kbir. Nagħmlu tajjeb li għal mument inkomplu nitkellmu dwar il-konverżjoni li jġib miegħu dan iż-żmien ta' grazzja u salvazzjoni. Mistoqsija li lkoll kemm aħna għandna nagħmlu lilna nfusna, mhux biss fi żmien ir-Randan imqaddes imma matul ħajjitna kollha, hija: "X'inhi l-konverżjoni reali li tagħmilna nixbhu lil Kristu?"*

Meta nitkellmu dwar kategoriji ta' Nsara differenti nistgħu ngħidu li hemm żewġ gruppi: dawk li ġew ikkonvertiti u dawk li mhumiex ikkonvertiti. Iżda fil-Kristjaneżmu nsibu t-tielet grupp ta' nies: dawk li jinsistu li jkunu fiz-zona l-griża, jiġifieri bejn il-konvertiti u dawk mhux konvertiti. Fi kliem ieħor, huma qatt ma ġew konvertiti għal Kristu, iżda jaġixxu bħallikieku għamlu din il-mixja u għalhekk m'għandhomx bżonn. Dawn jgħidu li huma Kristjani mingħajr ma verament qatt għamlu l-esperjenza ta' Kristu f'ħajjithom u taw ħajjithom lil Alla.

## X'INHU DAN IT-"TIELET GRUPP" FIL-KRISTJANEŻMU?

Konvertit huwa xi ħadd li bażikament tefa' l-bandiera l bajda u ċeda qalbu u ħajtu lil Alla. Imma dak li naraw fil-ħajja ta' kuljum fil-Knisja huwa dawk li jgħidu li huma Kristjani imma li qatt m'għaddew minn proċess ta' vera konverżjoni, ta' twelid mill-ġdid. Dawn qishom jilbsu f'ħajjithom tip ta' forma esterna tal-Kristjaneżmu evanġeliku iżda l-partijiet ta' ġewwa tagħhom ma nbidlux. Il-konverżjoni hija xi ħaġa li sseħħ fil-qalb. U jekk qed tieħu biss stil ta' "ħajja ta' barra", allura l-qalb ma tkunx ġiet konvertita. Ma tkunx seħħet dik li jsejħulha *"metanoia"* sħiħa. Mingħajr ma niġġudika 'l ħadd u mingħajr ma nipponta subgħi lejn ħadd wisq nibża' li anke f'Malta u f'Għawdex għandna ħafna nies fil-Knisja li qed jgħixu l-Kristjaneżmu bla ma huma konvertiti għall-fidi Nisranija.

## ĦAMES ELEMENTI DISTINTI TA' "KONVERŻJONI VERA"

**1. Hemm il-konvinzjoni frott il-biża' ta' Alla.**

Il-konvinzjoni li jiena midneb flimkien mal-biża' mhux minn Alla imma l-biża' li nista' nitlef lil Alla huma l-ewwel pass lejn il-vera konverżjoni. Dan huwa dak li jagħmel l-Ispirtu s-Santu. Ġesù qal li l-funzjoni tal-Ispirtu s-Santu hija: "ikkundanna lid-dinja dwar id-dnub" (Ġwanni 16:8). U dik il-konvinzjoni tad-dnub hija li twassal lil min ma jemminx biex jara l-bżonn tiegħu li jinbidel. L-ewwel pass lejn il-konverżjoni vera huwa li nħallu lill-Ispirtu s-Santu jixlina bi dnubietna u jnissel f'qalbna veru sentiment ta' ndiema perfetta frott il-biża' ta' Alla fina.

**2. Hemm id-dawl u l-għerf spiritwali.**

Wisq probabbli ħafna minna smajna bil-frażi "ltqajt ma' Kristu" jew "skoprejt id-dawl". U naħseb li ħafna nies fil-Knisja esperjenzaw l-illuminazzjoni spiritwali, fejn xi ħaġa fetħet f'moħħhom biex taghmilhom konxji mill-qasam spiritwali. Huma jifhmu li hemm Alla. Imma dan ma jfissirx li huma diġà lesti, wettqu l-mixja tal-konverżjoni. Huwa biss parti mill-proċess ta' konverżjoni. U l-problema hija li ħafna nies jieqfu hemm u ma jmorrux aktar minn hekk, u jiżbaljaw għax jaħsbu li waslu. Aktar tard tara li wara ftit taż-żmien jerġgħu jmorru lura fejn kienu.



**3. Hemm faqar tal-ispirtu.**
Hemm bżonn li tinduna li bis-serjetà trid tikkonverti u li dan ma tistax tagħmlu waħdek - għandek bżonn xi ħadd li jista' jidħol u jnaddfek mid-dnub tiegħek, u jagħtik il-ħajja. Hawnhekk għandna bżonn doża qawwija tal-ewwel beatitudni: "il-faqar tal-ispirtu". Dan huwa meta tasal f'dak il-punt meta tirrealizza li trid tiġi salvat imma tirrealizza li dan ma tistax tagħmlu waħdek. Dan kien id-dnub tal-Fariżej.

Għandna bżonn li bl-umiltà kollha nammettu li aħna midinbin. Il-bnedmin jobogħdu jgħidu li huma żbaljati. Imma biex tgħaddi mill-bieb dejjaq tal-indiema trid tagħraf li hemm xi ħaġa ħażina ħafna f'ħajtek. Ġesù uża l-istorja tal-iben il-ħali biex juri kif tidher konverżjoni vera. Dan iż-żagħżugħ għex għalih innifsu, u mbagħad, fil-maqjel tal-majjali, ġie f'sensih. Dik hija stampa ta' illuminazzjoni spiritwali u faqar tal-ispirtu: qed tasal għar-realtà li m'għandekx u li għandek bżonnha. Imma dik għadha mhix il-konverżjoni. Tassew, il-konverżjoni tidher fiż-żewġ proklamazzjonijiet tiegħu: "Jien dnibt, u m'iniex denn." Tħoss ir-responsabbiltà li qed tieħu għall-ħtija tiegħek. Huwa jirrikonoxxi li kien midneb u mhux denn tas-salvazzjoni, u qed jintefa' f'riġlejn Alla.

**4. Hemm sottomissjoni u għolja.**
Dan l-element ta' konverżjoni joħroġ ukoll fl-istorja tal-iben il-ħali. Wara li għamel il-qrara tiegħu qal, "Agħmilni bħala wieħed mill-qaddejja tiegħek," u meta għamel dik id-dikjarazzjoni kien qed jgħid, "Jien se nqatta' l-bqija ta' ħajti bħala l-qaddej tiegħek; ma nagħmilx aktar ir-rieda tiegħi



imma tiegħek." Dan huwa sinjal ta' vera konverżjoni. Hawnhekk il-persuna tkun waslet fil-mument meta tkun lesta li twarrab l-armi tagħha u ċċedi quddiem Alla. U dan huwa dak li jiddeskrivi konverżjoni: huwa meta inti tgħaddi milli tkun fir-rieda personali biex tkun ikkontrollat mir-rieda ta' Alla.

**5. Hemm il-frott tal-qdusija.**
Kull darba li persuna tkun verament twieldet mill-ġdid, il-qdusija hija proċess li jibda immedjatament. Fi ftit kliem it-terminu "qdusija" jfisser li ssir qaddisa. Huwa proċess tul il-ħajja li jibda bil-magħmudija u jkompli jsib il-qofol tiegħu f'mixja ta' konverżjoni kontinwa u permanenti. Hawnhekk l-Ispirtu s-Santu jibda jaħdem fil-ħajja tal-persuna. U hekk kif il-persuna timmatura fil-fidi ssir dejjem aktar tixbah lil Kristu. F'konverżjoni vera, dak il-proċess se jkun evidenti. Jien ngħid li l-frott tal-qdusija jidher b'żewġ modi. L-ewwel: il-ħajja spiritwali tal-persuna stess u l-mod kif tgħix ħajjitha; it-tieni: l-effett tagħhom fuq il-ħajja tan-nies ta' madwarha.

**NAWGURALKOM GĦID QADDIS LI JKOMPLI JOĦROĠNA MILL-MEWT LI JĠIB ID-DNUB GĦALL-ĦAJJA TAL-QAWMIEN MA' ĠESÙ RXOXT.**

# ħsieb u riflessjoni **għaż-żmien tar-Randan 2023**



Manwel Cutajar

**ID-DNUB TA' ADAM U EVA *VIS-À-VIS* IL-FIDWA TA' KRISTU**

Hekk kif l-ewwel dnub tal-umanità, ippersonifikat storikament u biblikament, kif naqraw fl-ewwel ktieb bibliku tal-Ġenesi (3, 1-21), fid-dnub ta' Adam u Eva, ġab BIDLA RADIKALI qerrieda spiritwalment mill-qiegħ nett tal-eżistenza u n-natura tal-bniedem, li kienet il-kawża tad-distruzzjoni tal-paċi, is-sbuħija u l-armonija tal-ewwel bnedmin fil-Ġnien tal-Għeden, hekk ukoll il-passjoni u l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù Kristu ġabu BIDLA RADIKALI mill-qiegħ nett ukoll tal-eżistenza u n-natura tal-bniedem, iżda din id-darba mhux għall-Qerda spiritwali tal-umanità imma għall-Fidwa u s-Salvazzjoni tal-bnedmin kollha fuq wiċċ l-art.

Tant kienet u għadha kbira u effettiva din il-bidla kbira li ġabu l-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu li issa l-bniedem sar mhux biss ħolqien ta' Alla imma saħansitra wild adottiv ta' Alla, il-Ħallieq tiegħu. Sirna wlied Alla Missierna. Dak kien, biex ngħidu hekk, il-kontroeffett tad-dnub ta' Adam u Eva. Sa ċertu punt il-bniedem il-ġdid, aħna, li ġejna salvati bil-Fidwa ta' Kristu, għandna għax inħarsu kemxejn b'mod pożittiv lejn id-dnub ta' Adam u Eva. Bis-saħħa ta' dan id-dnub aħna ksibna dinjità wisq akbar.

Kif qatt nistgħu nifhmu l-pjan ta' Alla mqanqal mill-imħabba infinita tiegħu



għall-bniedem? Bis-saħħa ta' din il-Fidwa aħna sirna wkoll werrieta tas-Saltna ta' Alla, destinati biex ingawdu d-dehra u l-preżenza ta' Alla għall-eternità kollha.

## IL-FIDWA TA' KRISTU

Kull bniedem għandu bżonn il-Fidwa ta' Kristu. Il-kundizzjoni naturali tagħna kienet ikkaratterizzata bil-ħtija, bid-dnub: "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla" (Rumani 3, 23). Il-Fidwa ta' Kristu ħelsitna mill-ħtija, "għalhekk issa huma ġġustifikati bil-grazzja Tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù" (Rumani 3, 24). Il-benefiċċji tal-Fidwa ta' Kristu jinkludu l-ħajja ta' dejjem (Apokalissi 5, 9-10), il-maħfra tad-dnubiet (Efesin 1, 7), il-ħelsien mill-jasar tad-dnub (Titu 2, 44; 1 Pietru 1, 14-18), l-adozzjoni fil-familja ta' Alla (Galatin 4, 5), il-paċi ma' Alla (Kolossin 1, 18-20) u "Tempju tal-Ispirtu s-Santu li jgħammar fikom" (1 Korintin 6, 19-20). Li tkun mifdi, allura, huwa li tkun maħfur, qaddis, ġustifikat, ħieles, adottat u rikonċiljat ma' Alla (Salm 130, 7-8; Luqa 2, 38 u Atti 20, 28).

Il-kelma *tifdi* tfisser *tixtri*, kif ġieli nużawha aħna l-Maltin: "fdejt iċ-ċens tad-dar", jiġifieri "xtrajt iċ-ċens tad-dar". It-terminu kien użat speċifikament b'referenza għax-xiri tal-libertà ta' skjav. L-applikazzjoni ta' dan it-terminu għall-passjoni, il-mewt fuq is-salib u l-qawmien ta' Kristu tfisser li jekk aħna mifdijin, allura l-kundizzjoni preċedenti tagħna kienet waħda ta' jasar. Alla xtara l-libertà tagħna bil-Fidwa ta' Kristu, u m'għadniex fil-jasar tad-dnub jew tal-liġi tat-Testment il-Qadim. Dan l-użu metaforiku tat-terminu ta' Fidwa nsibuh spjegat sew fl-Ittra ta' San Pawl lill-Galatin 3, 13 u 4, 5.

Marbuta mal-kunċett Kristjan tar-Redenzjoni hemm il-kelma *Fidwa*. Ġesù ħallas il-prezz għall-ħelsien tagħna mid-dnub u l-kastig (Mattew 20, 28; 1 Timotju 2, 6). Il-mewt tiegħu kienet bi skambju



għal ħajjitna. Fil-fatt l-Iskrittura hija ċara f'li tgħid li l-Fidwa tagħna hija possibbli biss "permezz ta' demmu", jiġifieri bil-mewt tiegħu. (Kolossin 1, 14)

Allura issa nistgħu ngħidu li t-toroq tal-ġenna għas-sema se jkunu mimlija b'għadd ta' bnedmin li qabel kienu lsiera tad-dnub u tax-xitan u li issa, mingħajr l-ebda mertu tagħhom, isibu ruħhom mifdija, maħfura u ħielsa lesti biex jidħlu fil-glorja ta' dejjem. L-ilsiera tad-dnub issa saru qaddisin! Mhux ta' b'xejn li għad inkantaw għanja ġdida ta' ferħ – għanja ta' tifħir lill-Feddej li nqatel għalina (Apokalissi 5, 9). Konna lsiera tad-dnub, ikkundannati għall-firda eterna minn Alla, u issa ħbieb u wlied adottivi ta' Alla u werrieta tal-glorja tas-sema. Ġesù Kristu ħallas il-prezz biex jifdina, li rriżulta fil-ħelsien tagħna mill-jasar tad-dnub u l-ħelsien tagħna mill-konsegwenzi eterni ta' dak id-dnub. Iżda biex iseħħ dan għalina issa jeħtieġ li nagħmlu l-parti tagħna, billi nikkoperaw mal-grazzja ta' Alla u nwieġbu għall-imħabba u l-ħniena infiniti ta' Alla billi ovvjament ngħixu skont ir-rieda tiegħu. Dan Alla jistennieh mingħandna jekk tabilħaqq irridu s-salvazzjoni tagħna eterna, li Alla ddestinana għaliha sa mill-ewwel mument tal-eżistenza tagħna.

## L-EWKARISTIJA

Iżda, aktar minn hekk, il-bniedem bis-saħħa tal-Inkarnazzjoni u l-Fidwa ta' Ġesù kiseb don u grazzja oħra eċċezzjonalment kbira – dik li jirċievi l-istess Alla, fil-persuna ta' Kristu, l-Iben Tiegħu – Alla u Bniedem, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, ġewwa fih bħala ikel, b'tali mod li l-Iben ta' Alla jingħaqad fiżikament, realment u spiritwalment mal-bniedem. Iżda din il-fidwa u grazzja ma baqgħetx biss ġrajja li seħħet elfejn sena ilu imma hija ġrajja li qed isseħħ kuljum fil-ħajja tal-bniedem bis-saħħa tal-Ewkaristija li waqqaf Ġesù Kristu fl-Aħħar Ċena mad-dixxipli tiegħu, li mhijiex ħaġa oħra għajr replika salvifika u attwazzjoni vera u reali tal-passjoni, il-mewt fuq is-salib u l-qawmien ta' Kristu.

## RIFLESSJONI

Tkun tabilħaqq ħaġa utli u importanti li matul dan iż-żmien tar-Randan naħsbu u nirriflettu ħafna fuq din id-dinamika doppja: il-Waqgħa fid-dnub u l-Fidwa li ħelsitna mill-ħakma tad-dnub u tax-xitan, li seħħet u għadha sseħħ fl-Istorja tas-Salvazzjoni tal-umanità sa mill-bidu tal-ħolqien tagħha.

Din hi l-istorja u r-realtà, nemmnuha jew ma nemmnuhiex, naċċettawha jew ma naċċettawhiex, irriduha jew ma rriduhiex, tal-eżistenza, l-essenza u n-natura tal-umanità kollha, tiegħek, ħabib/a, u tiegħi, ladarba bil-grazzja u l-imħabba ta' Alla aħna l-bnedmin kellna x-xorta li nsiru u nagħmlu parti mill-umanità: darba midinba veru, imma issa mifdija bil-qawwa tal-passjoni, il-mewt, u l-qawmien ta' Ħuna u Sidna Ġesù Kristu.

Tkun imbierka l-passjoni, il-mewt u l-qawmien mill-imwiet ta' Sidna Ġesù Kristu. Għandna tabilħaqq għax inroddu ħajr lil Alla Missierna li ħalaqna, lil Ħuna Ġesù Kristu li fdiena u lill-Ispirtu s-Santu li jgħammar fina bid-doni tal-għerf u l-qdusija tiegħu. ■

## HALLELUJAH! HALLELUJAH! HALLELUJAH!

# min hu l-aqwa u l-aktar b'saħħtu fid-dinja kollha



Fr Philip Cutajar OFMCap

Darba fost l-oħrajn l-għorrief, il-filosfi u x-xjenzati miġbura flimkien saqsew lill-ĦADID u qalulu jekk hux l-aqwa fis-saħħa u li għalhekk ħadd ma jista' għalih. Imma hu weġibhom u qalilhom:
Le, hemm IN-NAR li huwa aqwa minni. In-nar għandu l-qawwa li lili jħollni.

Saqsew lin-nar jekk hux l-aktar qawwi fid-dinja. Imma huwa wieġeb u qal: Le, hemm L-ILMA li hu aqwa minni għax hu jitfini.

Saqsew lill-ilma jekk allura huwiex l-aqwa fid-dinja, imma huwa wieġeb u qal: Le, hemm IX-XEMX aqwa minni għax din lili tixrobni u tevaporani.

Saqsew lix-xemx jekk hijiex l-aqwa fid-dinja. Imma x-xemx wieġbet u qalet:
Le, hemm IS-SĦAB aqwa minni għax meta dan jiġi quddiemi jitfi l-qawwa tar-raġġi tiegħi.

Saqsew lis-sħab jekk huwiex għalhekk l-aktar qawwi fid-dinja. Imma s-sħab qal: Le, hemm IR-RIĦ aqwa minni għax meta dan jonfoħ lili jġorrni minn naħa għal oħra fejn irid hu.

Saqsew għalhekk lir-riħ jekk huwiex l-aqwa fid-dinja u dan kien pront wieġeb: Le, aqwa minni hemm IL-MUNTANJA għax meta naħbat magħha ninqasam fi tnejn.

Saqsew għalhekk lill-muntanja jekk hix l-aqwa fid-dinja u l-muntanja qalet: Le, hemm IL-BNIEDEM aqwa minni għax dan jista' jitla' sal-quċċata tiegħi u bl-għodod li għandu jista' jfarrak u jkisser partijiet minni.

Saqsew lill-bniedem jekk huwiex l-aktar qawwi fid-dinja u l-bniedem wieġeb u qal: Le, hemm IL-MEWT. Il-mewt għandha l-qawwa li teqridli ħajti u tifridni mill-għeżież tiegħi.

Saqsew għalhekk lill-mewt jekk hijiex l-aqwa fid-dinja tant li ħadd ma jista' għaliha. Għal din il-mistoqsija l-mewt qalet: "Għal xi żmien, iva, kont naħseb li jiena l-aqwa fid-dinja, sakemm snin ilu, madwar elfejn sena ilu, ġara li ħadt il-ħajja ta' bniedem u dan wara tlett ijiem qam mill-mewt, beda jimxi u jiġri 'l hemm u 'l hawn u għalhekk skappali. U dan il-bniedem – l-aktar qawwi fid-dinja – għandu isem... Jismu ĠESÙ KRISTU. ■



**ALLA QAJJEM LILL-MULEJ,
HALLELUJAH!
HU JQAJJEM UKOLL LILNA
BIS-SETGĦA TIEGĦU,
HALLELUJAH!**

L-aħwa Franġiskani Minuri Kapuċċini flimkien mal-bord tar-rivista *Dawl Franġiskan* iwasslu lilkom flimkien mal-familjari tagħkom l-isbaħ awguri għall festi tal-Għid il-Kbir.

# Il-misteru **tat-traditur**



SR CHIARA BENEDICTA TAS-SALIB OSC

## 1. ĠUDA

Mulej Ġesù, bdejt jien, San Ġwann l-Evanġelista jagħtina tliet mumenti, siltiet, fil-ħajja tiegħek meta int tqanqalt u tħawwadt: meta kont ħdejn il-qabar ta' Lazzru (11:33. 38); f'Ħadd il-Palm wara d-diskors fuq il-ħabba tal-qamħ (12:24-27); u fiċ-ċenaklu meta Ġuda kien għadu ma telaqx. Int tregħixt f'dawn il-mumenti, meta ġejt wiċċ imb wiċċ mal-maestà tal-mewt u ħakkejt spalltek mal-qawwa tad-dlamijiet, li kien ix-xogħol u l-missjoni tiegħek li tiġġieled u teqred. Dan Ġuda jgerfixni xi ftit meta naħseb fuqu, Mulej, u jiġu f'moħħi ħafna mistoqsijiet li jiena żgura li jgħaddu minn moħħ kull bniedem li hu xi ftit midħla tal-Evanġelji: Għalfejn għażiltu lil Ġuda? Ma kontx taf li se jittradik? Ma kontx taf li kien jisraq mill-borża komuni tat-tnax? Id-destin tiegħu kien ippredestinat? Int, li int l-Għerf ta' Alla, li mingħajrek ma sar xejn, għalhekk ħlaqtu lil Ġuda, biex jittradik u jmut iddisprat? San Ġwann ma jagħtix spjegazzjoni psikoloġika tiegħu; jgħid biss, u b'ċerta malinkonija, li wara li ħa l-biċċa ħobż minn idejk daħal fih ix-xitan (13:27).

X'kienet l-ewwel lezzjoni li tajtek meta dħalt soru tal-klawsura, staqsejtni int?

Li qabel ma nifhem li t-talb hu appostolat ma nistax insejjaħ lili nnifsi 'soru' u wisq inqas 'soru tal-klawsura', weġibtek pronta jien.

Għandek memorja tajba, komplejt int. Iva, l-aġir ta' Ġuda jmur 'l hemm minn kull spjegazzjoni psikoloġika. Ġuda safa taħt id-dominju ta' xi ħadd ieħor li kien jikkontrollah, u dan kien ix-xitan. Kien hu, Ġuda stess, li espona lilu nnifsu għax-xitan...

Imma, Mulej, qbiżt jien, illum in-nies jidħku f'wiċċek meta ssemmilhom ix-



xitan, u malajr jgħidulek 'antikwata' u li x-xitan ma jeżistix. U dawn mhumiex nies ħżiena, tafx, jew atei – kieku tifhimha – imma huma nies 'ta' ġewwa' bħalma kien Ġuda.

Li tkun 'ta' ġewwa' mhux biżżejjed, komplejt tispjegali int. L-intimità miegħi tiġi mit-talb, kif kont ser ngħidlek, u mill-ħin li kull wieħed minnkom iqatta' fis-skiet miegħi. Hemm tiffjorixxi l-ħbiberija tagħna. Imma min ma jikkultivax din il-ħbiberija, din l-intimità, u ma jiħux ħsiebha, anke jekk ikun ta' ġewwa, xorta waħda jitbiegħed, jinqata' hu minn miegħi u jispiċċa biex jittradixxi anke l-ħbiberija tiegħu miegħi. Min ifarfar minn fuq spallejh il-madmad ħelu tiegħi ma jakkwistax il-libertà, ma jsirx ħieles, imma jispiċċa vulnerabbli ħafna spiritwalment u jsir suġġett għal qawwiet oħra u 'allat' oħra li jaħtar hu stess, jaqa' għalihom u jibda jaqdihom bla ma jirrealizza li jkun qed jilgħab il-logħba tax-xitan. Isir konvint li sar indipendenti u li qed imexxi ħajtu hu meta fil-verità jkun ix-xitan li qed imexxih.

Għaliex ma kellix nagħżlu lil Ġuda? Għaliex ma kellix nagħtih l-istess imħabba li nagħti lilek? Ġuda kien tiegħi daqskemm inti tiegħi. Kieku kont floku – u tinsiex li kien hemm żmien fil-ħajja tiegħek meta ma kontx 'il bogħod wisq mis-sitwazzjoni li ġab fuqu hu – ma kontx tkun trid li nuri miegħek l-istess imħabba? Mhux hekk għamilt miegħek? Jien għalih ukoll tlabt il-maħfra meta kont mislub; jien għalih ukoll ġejt biex inbati u mmut. Jien, Alla tagħkom, ħlaqtkom ħlejjaq ħielsa, ħielsa li taċċettawni jew ma taċċettawnix f'ħajjitkom, tfittxuni jew ma tfittxunix. Jien żrajt fikom ix-xewqa għall-infinit – għalija – imma l-libertà li tiddeċiedu intom, dik ma neħodhielkom qatt. Din hija xi



ħaġa diffiċli għalikom biex tifhmuha, għax intom moħħkom biex tippossiedu kollox u lil kulħadd. Id-destin tiegħu ma kienx 'ippredestinat' kif poġġejtha int. Il-ġudizzju tagħkom tagħmluh intom stess bid-deċiżjonijiet li tieħdu f'ħajjitkom – anke jekk tkunu ta' ġewwa.

Wow, Mulej! Issa ħallejtni bla nifs! Jekk tippermettili nixtieq ngħidlek xi ħaġa oħra fuqu. Dak li ħa mingħandek matul it-tliet snin li għex miegħek żgur li baqa' mnaqqax xi mkien f'qalbu għax kien hemm mument qabel ma qatel lilu nnifsu meta sogħobbih li ttradiek u pprova jsalvak. Il-flus tat-tradiment bdew jaħarqu f'idejh u ma ridhomx. Dam aktar żmien biex ċaħdek u ttradiek (tliet snin) milli biex jiċħad lilu nnifsu u l-ħażen li sab ġewwa fih. Kien aktar intollerabbli għalih il-ħażen li kien hemm ġewwa fih mit-tajjeb kollu li tajtu int. U kif jista' ma jkunx dan? Kif jista' xi ħadd li jkun għex miegħek, jitbiegħed kemm jitbiegħed minnek, ma tibqagħlux 'xi ħaġa' minn tiegħek? Mela allura għalfejn is-suwiċidju, Mulej?

It-tieni traġedja ta' Ġuda, komplejt tispjegali int, kienet dik li ma baqax jemmen fil-maħfra u allura r-rimors inbidel f'dispрament totali u tal-waħx. Beda jara

dlam biss – ma setax jara aktar id-dawl li jiġi minni u li jegħleb id-dlamijiet kollha tar-ruħ. Ir-rimors tiegħu, komplejt int, ma kienx ġenwin. Biex ikun ġenwin ir-rimors irid ikun immarkat biċ-ċertezza tat-tama li tiġi mill-fidi fil-qawwa superjuri tad-dawl inkarnat, li huwa Jien. Meta ħareġ miċ-ċenaklu kien billejl, jiġifieri daħal dritt ġol-qawwa tad-dlamijiet, dritt f'dirgħajn dak li ħafna m'għadhomx jemmnu li jeżisti. U tinsiex li t-tradiment u ċ-ċaħda ta' Ġuda ma kinux l-ewwel u l-aħħar ċaħdiet u tradimenti li sofrejt. Dawn bqajt insofrihom minn dakinhar sal-lum mingħand dawk li jieklu ġismi u jixorbu demmi u mbagħad ma jagħmlux li ngħidilhom jien – dawk li jagħmlu parti mill-komunità sagramentali. U tinsiex lanqas li int ukoll tagħmel parti minn din il-komunità.

Iva, Mulej, jien ukoll nagħmel parti minn din il-komunità. Inti tiġi ġewwa fija kuljum, fiċ-ċenaklu tal-qalb tiegħi, f'dak il-post fil-ġewwieni tiegħi fejn moħħi u qalbi jsiru ħaġa waħda permezz tal-preżenza divina tiegħek. Proprju hemm, f'dak il-post fejn int tgħammar mar-ruħ ħielsa tiegħi li inti stess fdejt, irrid intennilek, o Għarus Divin, dik il-mistoqsija li għamlulek l-appostli dakinhar fiċ-ċenaklu: Jaqaw jien, Mulej? (Mt. 26:22). Ma rridx nibża' nagħmilhielek din il-mistoqsija, għax fuqha hemm jiddependi l-veru hena ta' qalbi – dak li nibqa' ħabiba intima tiegħek.

## 2. PIETRU

U Pietru? Pietru kif wasal biex jiċħdek tliet darbiet, Mulej? Pietru ma kienx biss 'ta' ġewwa' imma kien il-kap ta' dawk 'ta' ġewwa'. Taf x'inhu l-aktar li jkiddni meta naħseb fuq Pietru? Dażgur li taf, imma xorta se ngħidlek! Pietru jiċħdek, Mulej, proprju f'dak il-mument meta int kont quddiem l-ogħla awtorità reliġjuża ta'



żmienek, marbut u mżeblaħ għax stqarrejt il-verità fuqek innifsek li kont verament l-Iben ta' Alla l-ħaj, waqt li hu, il-blata li kellek tibni fuqha l-Knisja tiegħek, ċaħad li jafek. Biex jenfasizza d-drammatiċità ta' dan il-mument l-evanġelista poġġielna fuq xufftejn il-Qassis il-Kbir l-istess kliem li f'Ċesarija ta' Filippi Pietru stess, imnebbaħ mill-Missier Etern, uża biex stqarr li int l-Iben ta' Alla l-ħaj. Il-mument preċiż meta l-Qassis il-Kbir għamillek il-mistoqsija li wasslitek għall-mewt, Pietru, li kien hemm bieb biss jifirdu minnek, ċaħad li jafek.

Iċ-ċaħda ta' Pietru ma kinitx bħal dik ta' Ġuda, bla tama, bdejt tispjegali int. Meta Pietru stqarr li ma kienx jafni kien qed

jgħid il-verità. Ma kienx il-biża' li ser jiġrilu xi ħaġa li ġiegħlu jiċħadni imma kien dak il-biża' li jiġi fuq bniedem meta jirrealizza li l-ħolm tiegħu kien proprju hekk, ħolm u xejn iżjed, u jifhem li jkun għadu ma fehem xejn.

Jiġifieri anke Pietru, bħal Ġuda, għex miegħek tliet snin, semgħek tgħallem, rak tfejjaq u tagħmel il-mirakli u xorta waħda, anke hu, ma fehmekx, stagħġibt jien. Mela m'għandix għalfejn inqatta' msarni kull darba li nirrealizza li ma nkunx qed nifhem xi trid minni f'mumenti partikolari ta' ħajti, jekk anke dawk li għexu miegħek sabuk diffiċli!

Le! Le! M'intix ħierġa minnha daqshekk faċilment din id-diskursata, dħaktli int. X'hemm ġewwa fik li jżommok milli tifhem u tagħmel dak li rrid minnek jien, staqsejtni?

Ħafna affarijiet, laqlaqt jien – prinċipalment il-konklużjonijiet mgħaġġla li nasal għalihom, imbagħad hemm is-suppervja (pride), l-opinjonijiet li nagħti mingħajr ma jitolbuhomli, il-ġudizzji fuq l-oħrajn, dik li dejjem irrid nifhem kollox... insomma, tridni nkompli? Int taf aktar minni x'hemm ġewwa fija.

Hekk hu. Biex tagħraf xi rrid minnek dan kollu jrid jgħaddi mill-purifikazzjoni. Pietru wkoll, u d-dixxipli l-oħra, kellhom il-purifikazzjonijiet tagħhom x'jagħmlu, imma l-akbar waħda kienet dik l-idea li kellhom f'moħħhom dwar kif kellu jkun il Messija. Din l idea kienet għadha tad dinja anke wara tliet snin jgħixu miegħi. Pietru ried dejjem jimxi pass quddiemi flok warajja, għax skont il-mentalità tiegħu jien la kelli nbati u lanqas naħsillu riġlejh. *Ħadd ma kien qed jistenna Messija msallab,* avolja l-profeti kienu ħabbruh minn qabel, dan. Waqt l-Aħħar Ċena, meta għedltu li fejn kont sejjer jien hu ma setax jiġi, hu fehem li kont qed nitkellem fuq il-mewt tiegħi u ħareġ b'dik id-dikjarazzjoni li kien lest li jmut għalija. Fil-fatt meta konna fil-Ġnien taż-Żebbuġ mill-ewwel indaħal bis-sejf tiegħu biex jiddefendini. Kien għadu jrid jifhem li l-martirju mhuwiex xi att erojku li tidħol għalih bil-prużunzjoni imma huwa grazzja li tiġi mingħandi. Kien għadu jrid jitgħallem l-ewwel jinsa l-prużunzjoni u l-erojiżmu personali tiegħu biex imbagħad jitgħallem l-umiltà tad-dixxiplu. Kienu l-erojiżmu personali u l-prużunzjoni tiegħu li wassluh biex jiċħadni, għax biex isib 'post tajjeb' fil-bitħa tal-Qassis il-Kbir ħalli jkun jaf x'qed jiġri minni ddikjara li ma jafnix u l-erojiżmu kollu tiegħu spiċċa duħħan.

Iva, komplejt int, jien kieku ridt stajt nevita li niġi maqtul billi ma ngħidx min jien fil-verità, li għal-Lhud kienet dagħwa ħaqqha l-mewt, imma ridt inneħħi darba għal dejjem minn moħħ kulħadd, speċjalment minn moħħ Pietru, l-idea



militari u politika li kellhom tal-Messija. Is-saltna tiegħi, la tinsieħ qatt dan, mhijiex ta' din id-dinja. Biex tkun dixxipla awtentika tiegħi u timxi warajja fil-verità trid tifhem li l-qawwa tiegħi tiġi dejjem mit-tbatija. It-tbatija tiegħek u l-problemi li kellek s'issa hawn ġew minn xiex ġew, staqsejtni?

Mill-fatt li sa issa dejjem ippruvajt nimxi quddiemek flok warajk, għedtlek xi ftit maħsuda u storduta jien.

Hekk hu! Pietru, komplejt int, kellu jitgħallem jistenna, jippersevera. Kellu jitgħallem kif ikun veru dixxiplu tiegħi biex ikun jista', meta jasal il-waqt, imur fejn ma jkunx irid imur u hemm jirċievi l-grazzja tal-martirju. Dan jgħodd għalik u għal kull min hu msejjaħ biex jimxi warajja aktar mill-qrib. Kull sejħa hija missjoni, anke tiegħek hawn ġew, speċjalment hawn ġew.

Le, o Għarus Divin, mhu faċli xejn li timxi warajk. Forsi hemm xi ħaġa li nista' nitolbok, però, biex biha nagħmel il-kuraġġ u ma naqtax qalbi meta nisimgħek titkellem hekk, issa li wasalna fl-aħħar ta' din id-diskursata, u din hija dik il-ħarsa ta' mħabba li tajt 'il Pietru meta ltaqgħu għajnejkom wara t-tradiment tiegħu, li lilu ġegħlitu jibki u jindem. Jekk tibqa' tħares lejja wkoll b'dan il-mod ikolli ċans kbir ħafna li nibqa' fidila lejk, Mulej.

Agħtini l-fedeltà u t-tbatija kollha tiegħek, li jiġu milli timxi warajja, għedtli fl-aħħar int, u jien nagħtik li tipparteċipa miegħi fis-salvazzjoni tad-dinja. Xi tgħid issa? MULEJ TIEGĦI U ALLA TIEGĦI!

(Adattati mill-kotba tal-Papa Emeritu Benedittu XVI fuq *Ġesù ta' Nażaret* u mill-ktieb *Nimbotta 'l Quddiem bħal Ħmar* tal-Kardinal Roger Etchegaray) ■

# Is-sitt pjaga **ta' Kristu**



DOMENIC XUEREB

San Bernard, tal-Knisja Duttur,
sar jaf b'din il-pjaga ta' dulur,
minn Kristu stess lilu żvelata,
mal-ħamsa l-oħra mmeditata.

Dal-qaddis waqt l-orazzjoni
staqsa 'l Kristu fuq il-passjoni;
lilu kienet mill-Feddej indikata:
minn spallejh l-aktar li kien bata.

Nifdet isfel spalltu sa tliet swaba',
l-għadam bil-ġisem le kien inħeba,
demm ċarċar mingħajr waqfien,
kellu anke tliet għadmiet miksurin.

Waqa' taħt is-salib tqil l-irfigħ,
dil-pjaga kidditu bla mistrieħ;
saħħet il-bniedem tħallih bdiet,
bit-toqol instabat tliet darbiet.

Il-pjaga kibret ma' kollha t-trejqa;
ftit nisa biss sab għalih imdejqa.
Is-salib aħrax baraxlu sew spallejh
mal-passi mkaxkra l'għamlu riġlejh.

Avolja Kristu kellu l-kobor ta' Alla,
jgħaddi minn dan kollu hu ħalla;
isallbuh mas-salib kien issa fadallu,
biex mid-dnubiet tagħna ninħallu.

Bħal ħaruf ġwejjed mingħajr ħtija
sofrejt għalina dil-kbira tbatija;
ħames pjagi oħra hemm żidulek,
għall-ġid li għamiltilhom pattewlek.

Nadurawk, Ġesù Sidna, inberkuk,
ta' din is-sitt pjaga aktar inqimuk;
imħabbtek għalina bla tarf jew qies,
xempju ta' mħabba int tibqa' titqies. ■



# Il-kelma fl-Avvent u lil hinn

BERTRAM PORTELLI

**It-tħejjijiet huma dejjem neċessarji għax mingħajrhom tidħol għal biċċa xogħol nofs kedda, tajba kemm tkun tajba l-intenzjoni. Jekk se jkollok il-mistiedna d-dar jew se ssiefer, inkella għandek xi avveniment fil-qrib, ma tistax toqgħod b'idek fuq żaqqek u mbagħad taħseb li kollox se jmur sew waħdu. Jeħtieġ li xxammar il-kmiem u tħejji. Dan jgħodd ukoll fil-mixja spiritwali tagħna bħala Nsara. Il-Knisja wkoll għarfet dan il-fatt u għaldaqstant timxi magħna b'mod partikolari fit-tħejjijiet għal żewġ mumenti ewlenin fil-mixja liturġika – il-Milied u l-Għid il-Kbir.**

Biex inħejju lilna nfusna u ma nibqgħux reqdin waqt li nħallu ż-żmien jgħaddi minn fuqna u l-Milied jasal fuqna u jgħaddi mingħajr ma nkunu ntbaħna huwa ta' fejda li – qalb dinja li tibda tippreżentalna kull oġġett li jista' jinxtara għaż-żmien tal-Milied waqt li ssemmgħalna *l-I'm Dreaming of a White Christmas* minkejja s-sħana li tkun għadha tolqot lil pajjiżna – nintebħu li ż-żmien ikun qorob. L-irtir imħejji mill-komunità tal-patrijiet Kapuċċini tal-Kalkara fl-ewwel jiem ta' Diċembru li għadda kien tassew f'loku biex nieqfu ftit mill-ħajja ta' kuljum tagħna u naħsbu kif nistgħu nħejju ruħna tassew għal din il-ġrajja kbira u sabiħa tal-Inkarnazzjoni.

It-tema tal-Kelma li madwarha daru l-mumenti ewlenin ta' din l-esperjenza kienet tassew f'lokha, hekk kif wara kollox dak hu li niċċelebraw fil-Milied: il-Kelma, il-Verbum, dik li saret ġisem u għammret fostna. Tul dawk il-jiem stajna



nirriflettu aktar dwar kif nistgħu l-Kelma ma nħalluhiex biss stampata imma ninkarnawha f'ħajjitna - f'dak li naħsbu, f'dak li ngħidu u f'dak li nagħmlu. Kienu mumenti sbieħ li matulhom - minbarra l-għajxien fih innifsu f'komunità - ħsibna wkoll kif din il-Kelma se ngħixuha biex tassew inħejju lilna nfusna għall-Milied u lil hinn minnu.



Il-mumenti ta' din l-esperjenza kienu varji, iżda lkoll kienu jsibu ċ-ċentru tagħhom fl-importanza tal-Kelma u s-siwi tagħha għalina fiż-żminijiet tagħna. Il-mument tar-riflessjonijiet dwar ix-xewka li jsemmi San Pawl fl-ittri tiegħu kien wieħed ċentrali, b'riflessjoni maqsuma magħna mill-Provinċjal Fr Ivan Scicluna, li wassalna biex inkunu aktar konxji ta' kif din ix-xewka li ta' kull wieħed u waħda minna hija differenti - taffettwana.

Iżda mhux hekk biss. Stajna, anki permezz ta' qsim ta' riflessjonijiet fi gruppi żgħar, naħsbu wkoll biex din ix-xewka, minflok narawha bħala tebgħa, narawha bħala grazzja li tgħinna biex inkomplu nagħrfu l-bżonn ta' Alla f'ħajjitna.

Mument ieħor ta' grazzja matul dawk il-ġranet kien il-laqgħa mal-Isqof t'Għawdex Mons. Anton Teuma, li qasam magħna riflessjonijiet dwar il-Kelma llum waqt li għaddielna kelma ta' kuraġġ fid-dawl tal-fatt li madwarna mhux dejjem insibu l-eħfef ambjent biex nimxu wara l-Kelma. Kien tassew mument ta' xprun għalina lkoll biex inkomplu naqdfu, anki jekk id-dgħajsa tagħna kultant tkun qed tilgħab mal-maltemp ta' madwarna. Ma' dawn il-waqtiet insemmu wkoll mumenti sbieħ oħrajn, fosthom iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa li ħadna sehem fiha s-Sibt filgħaxija, il-quddiesa tal-Ħadd fil-knisja tal-Kapuċċini tar-Rabat u l-mument ta' rilassament permezz ta' logħob differenti li kellna s-Sibt filgħaxija.

Nawgura lil kull min kien preżenti għal din l-esperjenza biex dak li żrajna f'dawk il-jiem ta' riflessjoni nkomplu nsaqquh biex jibqa' jagħti l-frott matul din is-sena.



# Padre Pio u l-ewkaristija (Ir-Raba' Parti)

Padre Pio jurina t-triq: "Itlob, ittama, tinkwetax"



Vincent Vella OFS

**Riflessjonijiet ta' San Piju:**

- Elf sena tgawdi l-glorja kollha tad-dinja ma jiswewx imqar daqs siegħa waħda mgħoddija f'diskursata ħelwa ma' Ġesù fis-Sagrament Imqaddes.
- Ejjew nersqu lejn l-Ewkaristija bl-imħabba u bil-biża'. Jalla l-ġurnata tkun kollha tħejjija u ringrazzjament għat-tqarbin imqaddes.
- L-iktar triq żgura biex aħna nilqgħu għall-mard tar-ruħ li aħna mdawrin bih hi li nsaħħu lilna nfusna bl-ikel ewkaristiku.
- Dejjem żomm qrib il-Knisja Kattolika, għax hija biss tista' tagħtik il-paċi vera, u dan għaliex hi biss għandha fis-Sagrament Imqaddes lil Ġesù, il-prinċep veru tal-paċi.
- "Qatt ma għandek tibqa' lura milli tersaq lejn l-Ikla Mqaddsa tal-Ħaruf Divin, għax ħadd aktar ma jista' jqawwi lir-ruħ ħlief ir-Re tagħha; xejn ma jsaħħanha daqs ix-Xemx tagħha; xejn ma jista' jhenniha b'daqshekk ħlewwa daqs il-Balzmu tiegħu. M'hemmx rimedju iktar qawwi minn dan..."

## RISPETT LEJN DAR IL-MULEJ

Fil-25 ta' Lulju 1915 Patri Piju kiteb ittra lil Anita Rodote, bint spiritwali tiegħu u terzjarja Franġiskana li aktar tard saret soru. Huwa kitbilha hekk: "Inti għandek tidħol fil-knisja bil-kwiet u b'rispett kbir. Imbagħad trodd is-salib tajjeb u bil-mod bl-ilma mbierek. Hekk kif tiġi wiċċ imb wiċċ m'Alla fis-Sagrament imqaddes, agħmel reverenza bil-qima. Meta ssib post fejn toqgħod, inżel għarkopptejk u qim lil Ġesù fit-tabernaklu bit-talb u l-adorazzjoni. Waqt il-quddiesa qum, inżel għarkopptejk u oqgħod bilqiegħda bil-mod, u agħmel dak kollu meħtieġ bl-akbar devozzjoni.



"Kun riservata fil-ħars tiegħek, toqgħodx tħares madwarek biex tara min dieħel u min ħiereġ; la tidħakx b'rispett lejn dan il-post sagru u wkoll bħala rispett lejn dawk ta' ħdejk. Kun attenta li ma titkellem ma' ħadd sakemm ma jkunx hemm verament bżonn li tagħmel hekk. Fit-talb komunitarju għid ċar il-kelmiet tat-talb u qatt m'għandek titlob

bil-għaġla. Fil-qosor, ġib ruħek b'tali mod li dawk preżenti jitgħallmu mill-eżempju tiegħek u b'hekk huma wkoll jiġu mbuttati biex jigglorifikaw u jħobbu 'l-Missier tas-smewwiet. Oħroġ mill-knisja bil-kwiet u bil-kalma, imma qabel tinsiex issellem lil Ġesù fis-Sagrament imqaddes u titlob il-maħfra tiegħu għan-nuqqasijiet tiegħek. Toħroġx bla ma l-ewwel titolbu u taqla' l-barka tiegħu."

## VILJAKK!

Darba waħda, meta wieħed mill-ulied spiritwali ta' Patri Piju li kien jgħix Ruma kien għaddej minn quddiem knisja, staħa jneħħi l-kappell biex isellem lil Ġesù bħalma kien is-soltu jagħmel, u dan għax kien fil-kumpanija ta' persuni oħra. F'daqqa waħda ħass min jimbuttah u



leħen, li dan ir-raġel għaraf sewwa, għajjat f'widnejh, "Viljakk!" Bħal kelb mismut dan ħaffef biex jaqbad il-ferrovija għal San Giovanni Rotondo. Hekk kif lemħu Patri Piju ħares biċ-ċiera lejh u qallu, "Attent! Din id-darba qlajt għajta biss, darb'oħra taqla' daqqa ta' ħarta!"

## FIL-PREŻENZA TAL-MULEJ

Padre Melchiorre da Pobladura, studjuż tal-kitbiet li ħallielna Patri Piju, innota li wieħed mill-aspetti spiritwali tiegħu kien li propju Ġesù Sagramentat kien iċ-ċentru tad-devozzjoni tiegħu. "Ħarsu lejn Ġesù u mhux lejja!" kienet l-ordni li kien jagħti lid-devoti tiegħu meta kienu jħarsu lejh waqt li kien ikun jitlob. Padre Marcellino Lasenzaniro jirrakkonta li meta Patri Piju kien joħroġ mill-konfessjonarju ħafna nies kienu joqogħdu fil-ġnub biex waqt li jkun għaddej jippruvaw imissuh jew jitolbuh iberikhom. Imma meta kien ikun hemm xi ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija f'xi artal laterali, kien iwaqqafhom u jgħidilhom b'ton kemxejn aħrax, "Qiegħda tiġi ċċelebrata l-quddiesa; qegħdin tagħtu daharkom lil Ġesù Sagramentat."

Kienet hekk kbira l-imħabba ta' Patri Piju lejn l-Ewkaristija li meta fl-1922 huwa kien trasferit minn San Giovanni Rotondo u Padre Alberto D'Apolito beda jgħajjat inkurlat għax ma qabilx ma' dan it-trasferiment, il-qaddis qabeż qallu li hu jħossu kalm ħafna għax "fejn immur, hemmhekk insib lil Ġesù Sagramentat, ħobża biex niekol u ħwejjeġ biex nitgħatta". U lil Suor Francesca Consolata, li wara li gergret kemm felħet minħabba xi problemi li kien hemm fl-isptar, qaltlu, "Tassew naħrab mill-Casa Sollievo kieku ma hawnx Ġesù... U inti?" Padre Pio bil-ħlewwa kollha qalilha, "Binti, hu dak li dejjem jiena ngħid...

Taħseb inti li jiena kont nibqa' hawn kieku ma kienx hawn Ġesù?"

Fil-25 ta' Awwissu 1965 Padre Marcellino Lasenzaniro nduna li nqata' d-dawl elettriku u għalhekk Patri Piju ma setax juża l-lift biex bħas-soltu jmur jitlob fil-knisja. Biex jiskansalu l-battikata li jitla' dak it-taraġ kollu li kien hemm quddiem il-knisja Patri Marcellino qallu, "Patri Piju, għax ma tmurx titlob fil-kappella ż-żgħira?" Filwaqt li Patri Piju beda jurih il-knisja, wieġbu kommoss, "Għax hemmhekk hemm Ġesù."

## JINBIDEL FI KRISTU

Xi drabi l-għaqda li kellu Patri Piju ma' Kristu kienet tilħaq livelli li ma jitwemmnux. Don Pierino Galeone jirrakkonta dwar esperjenza li kellu meta kien se jitqarben minn idejn Patri Piju. "Padre Pio ġie quddiemi u meta qabad l-ostja mqaddsa f'idejh beda jħares lejha b'intensità kbira, u żammha hekk għal ftit tal-ħin mhux ħażin. B'sorpriża kbira għalija rajt ċar li bdiet issir bidla fix-xebh ta' Patri Piju ma' dak ta' Ġesù. Kien ta' statura normali, liebes ta' qassis, għajnejh kalmi, wiċċu ħelu, xofftejh bi tbissima. Kellu madwar tletin sena, xagħar bjond u twil, leħja kkurata, għajnejn ċelesti, wiċċ kemxejn tawwali u ħelu. Għall-bidu idu kienet wieqfa, imbagħad bdiet titħarrek bl-ostja miżmuma bejn subgħajh, iressaqha bil-mod lejn ħalqi u qalli, 'Dan hu ġismi.' Ftaħt ħalqi u ħadt l-ostja; ix-xebh ta' Patri Piju ma' Kristu kien għadu hemm. Imbagħad baxxejt rasi u għalaqt għajnejja b'ġabra. Meta rġajt ftaħthom rajt lil Patri Piju jerġa' jieħu lura s-sura tiegħu tas-soltu b'sempliċità u jkompli ċ-ċelebrazzjoni bl-aktar mod naturali."

## EJJEW NITGĦALLMU MINN PATRI PIJU

U aħna, bħala wlied spiritwali u devoti ta' Patri Piju, qegħdin nimxu fuq il-passi tiegħu u nilqgħu l-istedina li Ġesù qiegħed jagħmlilna biex inżuruh u ngħaddu ftit tal-ħin nadurawh? Smajna kemm-il darba li Patri Piju kien iċ-Ċirinew ta' kulħadd meta qasam ma' Ġesù t-tbatijiet tal-passjoni għas-salvazzjoni tal-erwieħ. U min-naħa tagħna qegħdin inżuru lil Ġesù biex inpattu għal dnubietna u d-dnubiet tal-oħrajn biex aħna wkoll ikollna sehem ċkejken fis-salvazzjoni tal-erwieħ? U fl-aħħar nett, jekk xi drabi għal xi raġuni jew oħra ma nkunux nistgħu nżuruh, ejjew nagħmlu kif ħeġġiġna Patri Piju u "mmorru quddiem it-tabernaklu bl-ispirtu tagħna, u hemmhekk nuruh ix-xewqa tagħna li aħna wkoll nixtiequ nħobbuh."

(*Tagħrif meħud mill-fuljett* Padre Pio - A Living Crucifix *ippubblikat mill-patrijiet Kapuċċini ta' San Giovanni Rotondo,* Voice of Padre Pio *ta' Ġunju 1997, mill-kotba* Eucharistic Adoration exemplified by the Saints *ta' Fr Stefano M. Manelli,* Padre Pio - The True Story *ta' Bernard C. Ruffin,* Il vero volto di Padre Pio *ta' M. Winoska,* Padre Pio and the Third Commandment (Ex. 20:8) *u websites varji.)*



## TALBA

*"O Ġesù Ewkaristija, kun Int il-ferħ u l-hena ta' ħajti kollha."* ■

GEORGE ZAMMIT



# Ruħi għatxana għalik, Mulej! Randan fl-għemil mhux fil-kliem

**Wasalna fi tmiem ir-Randan imqaddes. Tajjeb li matul dawn il-jiem li baqa' minn dan ir-Randan immur fil-kamra ta' ġewwa u noqgħod fis-skiet u nistaqsi lili nnifsi:**

**Terrimoti, il-COVID, gwerer, separazzjonijiet, għargħar, diżgrazzji fit-toroq, imwiet fil-kostruzzjoni: Alla qiegħed jibgħat dawn il-kastigi? Fejn ikun Alla fit-tbatija tagħna?**

Mistoqsijiet li jsiru spiss, speċjalment meta d-dgħajsa tal-ħajja tkun fil-maltemp. Faċli nippuntaw subgħajna lejn Alla. Fuq dak li seħħ madwarna, it-tentazzjoni tax-xitan tidħol f'ħafna mħuħ b'ritmu mgħaġġel. F'għajnejn in-nies qegħdin jidhru għorrief u esperti akbar minn Alla, jistaqsu mistoqsijiet għax proprju ma jagħrfux it-toroq tiegħu, anzi jarawh skomdu, bħala l-għadu li ta' min jeħles minnu. Lil Ġesù jġibulu quddiemu persuna, bħallikieku kienet xi oġġett, li bi stmerrija jsejħulha "din il-mara" u jakkużawha pubblikament bl-adulterju tagħha. Jikkmandaw lil Ġesù li din il-mara għandha tiġi mħaġġra, ikkastigata u saħansitra titwarrab mill-ħniena tiegħu. Problema li tiffaċċja s-soċjetà llum hija li ma nkunux konxji li aħna parti mill-poplu t'Alla u qegħdin biex inservu u mhux nikkmandaw.

Meta wieħed jifhem li t-toroq ta' Alla mhumiex bħal tal-bniedem, b'simpatija jkollu jgħid li huwa żball kbir minn kwalunkwe naħa li ġejjin dawn il-mistoqsijiet. Li timxi wara Ġesù qatt mhu faċli. Li tkun dixxiplu tiegħu trid tkun lest għar-rabta mas-salib. Għalkemm aħna forsi nippretendu li ngħixu mingħajr salib u li d-dinja kontinwament qed tikser il-liġijiet u l-kmandamenti ta' Alla, bl-ebda mod wieħed m'għandu biss jaħseb li Alla jibgħat xi tip ta' kastig bħala tpattija, la mard, la għargħar, la tempesti u l-ebda diżastru jew xi ħaġa kerha jew ħażina li sseħħ fostna. Alla mhux dak ir-re tar-rejiet li minħabba d-dnub jew il-ħażen tiegħi jħobb joqgħod gallarija mis-sema jitpaxxa bi djar jitfarrku, nies



imutu u tfal innoċenti jbatu minn dawn il-ħwejjeġ koroħ.

## L-IMĦABBA TIEGĦI WREJTHA BIL-KLIEM BISS JEW BIL-FATTI U L-GĦEMIL LIL DAWN ĦUTNA MILQUTA?

F'dan ir-Randan irridu nidħlu fina nfusna biex quddiem Alla niskopru mill-ġdid it-tama. Nistaqsu: X'inhuma l-għanijiet tagħna li qed tagħtina din id-dinja biex inkabbru fina dak li jrid Alla? Għax l-għemil li nagħmlu jgħodd u mhux x'ngħidu bil-kliem. Ġesù kien, għadu u jibqa' l-istess, ħaj preżenti fuq l-artal u kullimkien. Kull tant żmien ifakkarna u jippreparana biex inħejju sewwa l-bagalja tagħna bl-opri tal-ħniena qabel it-tluq minn din id-dinja. Iwissina biex inkunu għaqlin, mhux nieħdu biss l-imsiebaħ iżda wkoll iż-żejt fil-kwies. Kull tbeżbiża li sseħħ madwar id-dinja tgħallimna biex ma nibqgħux nieħdu kollox for granted, għax il-ħajja hija bħal warda li tiftaħ filgħodu u tidbiel sa filgħaxija. L-ebda moħħ ta' bniedem ma jista' jifhem il-kobor tal-ħniena ta' Alla u l-ħlejjaq tiegħu.

Ħuti, jekk ngħixu bl-ispirtu li b'daqsxejn ta' teptipa ta' Alla f'mument mhux mistenni nsibu ruħna quddiem l-Imħallef Divin, probabilment ngħixu ħajja ħafna aħjar; bla dubju ma nfittxux il-bżonn li nistaqsu aktar mistoqsijiet bl-attitudni qisna ngħidu lil Ġesù: "Oqgħod hemm, issa nikkmandaw aħna." Ma jistax jiġi Randan, jgħaddi, jasal ieħor u nibqgħu l-istess: "*Parole si, fatti no.*" Ma nħallux id-dinja titmexxa bħal ġugarell f'idejn il-bniedem li jkun irid jiddeċiedi kollox hu. Jalla l-ħin ma jsirx aktar prezzjuż minħabba l-produzzjoni, biex aktar ma nipproduċu iżjed jikbru l-accounts bil-flus. Ir-risposta tal-mistoqsija dwar jekk Alla jġibx il-kastigi hija "Qatt", u din hija konfermata fil-parabbola tal-iben il-ħali, fejn tispikka l-ħniena tal-Missier fis-sema magħna. Ejjew f'dan ir-Randan induru lejh, u għalkemm ma nifhmux dejjem il-pjanijiet tiegħu, xorta nħalluh ifarraġna u jagħtina l-paċi tiegħu. ■

# Għotja ta' bolol għall-missjoni

Bħal kull sena l-VALLETTA CIRCLE OF THE CATENIAN ASSOCIATION żammet l-appuntament tagħha bil-għan li tgħaddi lill-Uffiċċju tal-Missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Furjana għotja ta' bolol. Dan isir bil-għan li jgħinu fil-ġbir ta' flus b'risq il-missjoni. Il-bolol jiġu mibgħuta lill-kollezzjonisti u l-flus miġbura jintbagħtu l-Kenja, speċjalment sabiex jiġi megħjuna t-tfal fl-edukazzjoni tagħhom.

Din il-Catenian Association hija għaqda fuq livell internazzjonali. Issibha f'diversi pajjiżi, speċjalment fl-Ewropa. Hija għaqda ta' aħwa membri b'ispirazzjoni Kattolika li twaqqfet fl-Ingilterra. Illum tinsab anke f'Malta, fejn hawn sitt gruppi mifruxa mal-gżira tagħna. Il-Valletta Circle of the Catenian Association huwa wieħed minnhom. L-iskop tagħhom huwa li jwettqu attivitajiet ta' ġbir ta' flus bil-għan li jmorru għall-karità u s-solidarjetà ma' persuni fil-bżonn.



Ngħidu grazzi lil din l-assoċjazzjoni li ħasbet fina u fil-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja. ■

Joseph C. Camilleri
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)



# Xandru Farrugia, familtu u xogħlijiet artistiċi

# Il-vara ta' San Mikiel u l-vara titulari ta' San Pawl

(l-Għaxar Parti)

## IL-VARA TA' SAN MIKIEL – F'SAN ĠORĠ, ĦAL QORMI

Skont il-kittieb Pietru Pawl Castagna (1827-1907) il-vara ta' San Mikiel inħadmet fl-1838. Dan ifisser li Mastru Xand kellu madwar 47 sena. Għall-ewwel din il-vara ttieħdet il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi.[1] Din il-vara tħallset minn Ġanni Cassar, wieħed minn Ħal Qormi magħruf bħala Tal-Għaġin. Dan Cassar kien il-prokuratur tal-fratellanza ta' San Mikiel. Hu ta wkoll xi opri oħra lil din il-fratellanza. Dan Cassar kellu xi jgħid mal-fratelli u fetaħ kawża l-Qorti u rebaħha. Għalhekk ħa kull ħaġa li ħallas id-dar tiegħu. In-Nutar Dr Eugene F. Montanaro kiteb dwar din il-vara: "Il-vara ta' San Mikiel, wara ftit taż-żmien (Ġanni Cassar) biegħha għall-parroċċa ta' San Ġorġ, Għawdex."[2] Għall-ewwel din il-vara nxtrat minn Dijonisju Tabone u mis-sagristan ta' San Ġorġ, Saver Muscat. Huma xtrawha għall-prezz ta' 100 skud. Qabel ma għaddiet għand Dijonisju Tabone u Saver Muscat il-vara ġiet imdawra f'xi knejjes oħra fil-Belt Victoria.[3]



| Mastru Xandru Farrugia

## L-IMPORTANZA TAL-VARA

Din il-vara hija ħolqa minn katina ta' vari ddedikati lil San Mikiel. L-ewwel knisja li kisbet vara ta' San Mikiel kienet il-knisja parrokkjali Pawlina tal-Belt Valletta. Din inħadmet fil-Belt Eterna fl-1674. Saret fuq disinn ta' Domenico Guidi. Fl-1732 l-iskultur Ignazio Portelli għamel vara ta' San Mikiel għall-knisja parrokkjali Pawlina tar-Rabat. Mariano Gerada ħoloq vara oħra ta' dan il-qaddis għall-knisja parrokkjali ta' Bormla fl-1819 waqt li l-aħħar waħda saret minn Pietru Pawl Azzopardi fl-1865 għall-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi.

Referenzi:

1. Montanaro, E. F. "Alessandro Farrugia l-Iskultur tal-vara ta' San Mikiel 1791-1871", *Festi San Ġorġ, Għawdex.* Lulju 1986: 19.
2. Montanaro, E. F. "Alessandro Farrugia l-Iskultur tal-vara ta' San Mikiel..." op cit: 21.
3. Montanaro, E. F. "Alessandro Farrugia l-iskultur tal-vara ta' San Mikiel..." op cit: 21.



In-Nutar Dr Eugene F. Montanaro kiteb hekk dwar din il-vara: "Il-vara ta' San Mikiel, meqjuma fil-Bażilika ta' San Ġorġ, tipparaguna tajjeb ħafna fil-konfront ta' vari oħra ta' dan il-qaddis ġewwa pajjiżna, u tixhed biċ-ċar li Alessandro Farrugia kien kapaċi joħloq figuri skultorji fl-injam ta' ċertu livell artistiku."[4]

## IL-VARA TA' SAN PAWL

Vara oħra importanti hija dik ta' San Pawl, il-vara titulari ta' Ħal Safi. Kien l-4 t'Ottubru 1842 meta l-kappillan ta' Ħal Safi Dun Giovanni Caruana u Michel'Angelo Abdilla, il-prokuratur tal-fondazzjoni tal-mejjet Dun Francesco Bugeja, ftiehmu mal-iskultur Alessandro Farrugia biex joħloq xbieha tal-injam ta' San Pawl. Il-vara kellha tkun tal-injam (*legno di ponente*). Il-vara kellha tippreżenta 'l Missierna San Pawl qiegħed jippriedka. Flimkien mal-vara l-iskultur kellu jagħmel il-pedestall, il-bradella, il-lasti u erba' forċini. Id-data tal-konsenja kellha tkun sal-25 ta' Novembru 1843. Il-prezz kellu jkun 250 skud, li minnhom Alessandro Farrugia kellu jirċievi 52 skud bil-quddiem.[5] Il-ftehim sar quddiem in-Nutar M. Troisi Menville.[6]

Il-vara kellha tkun kopja eżatta tal-vara titulari Pawlina, li tinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta. L-iskultur kellu wkoll jindura din il-vara, dejjem skont il-mudell li kien ġie mogħti lill-Kappillan Giovanni Caruana. Il-vara tlestiet, skont il-ftehim li kien sar, u fis-16 ta' Novembru 1843 l-iskultur Alessandro Farrugia rċieva 75 skud li kellu jieħu.[7] Il-flus ingħataw quddiem in-Nutar F. Camenzuli u ġew irrekordjati fl-atti notarili tiegħu.[8]

Dan kien ifisser li Alessandro Farrugia ma tantx tawh spazju biex joħloq xi vara Pawlina unika. Din ma kinitx każ uniku. Kull vara Pawlina saret fuq dik li kien ħoloq Melchiorre Gafà (1636-1667). Dan l-iskultur kien għamel din il-vara f'Ruma madwar is-sena 1659. L-istess storja seħħet meta dan l-istess skultur għamel il-vara tal-Madonna tar-Rużarju għall-knisja konventwali tal-patrijiet Dumnikani tar-Rabat. Din il-vara influwenzat ħafna vari tal-Madonna bil-Bambin, vari tar-Rużarju, tal-Karmnu, taċ-Ċintura u ħafna oħrajn. ■



Referenzi:

3. *Scientia,* Vol. XXIX: 107-108.
4. Caruana, M. "Fratellanzi u altari tagħhom - ir-raba' parti - Il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni", *Festa Marija Bambina.* Senglea, 2001: 4.
5. Catania, P. *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex.* Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Stamperija Indipendenza, Tal-Pietà, Malta, 1992: 101.
6. Catania, P. *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex...* op cit: 101.
7. Grima, J. F. "Maltese sculptors and statuaries", *The Democrat.* 18-iii-1989: 11.
8. Vella, E. "Artistic representations of the Passion theme" - fuljett tal-wirja, wirja li ttellgħet bejn it-22 ta' Marzu u l-14 t'April 1996: 2.

# Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin

Br Miguel Zammit OFMCap
segretarju provinċjali



## 1. PUBBLIKAZZJONIJIET ĠODDA





It-Tnejn, 6 ta' Frar 2023 saret it-tnedija minn Fr Silvestru Bonavia tat-tielet volum tal-kitbiet ta' ħuh Karmenu, mifruxin f'għadd ta' gazzetti u rivisti tul medda ta' aktar minn 60 sena. Is-serata saret fil-Mużew tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji, Ħaż-Żabbar. Flimkien mal-Ministru Provinċjali Ħuna Ivan Scicluna kienu preżenti l-isqfijiet tagħna Mons. Pawlu Darmanin u Mons. Joe Alessandro. Kienu preżenti rappreżentanti tal-Akkademja tal-Malti (li tagħha Karmenu kien membru onorarju) u tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM), li tagħha Karmenu kien membru sal-aħħar. Saru diskorsi qosra minn Michael Buhagiar, direttur tal-Mużew tas-Santwarju, u David Agius Muscat dwar kif jiftakru lil Karmenu kemm f'ħidmitu fil-parroċċa u fit-tmexxija tal-Mużew tas-Santwarju, li tiegħu kien direttur mill-bidu sakemm felaħ f'ħajtu. Il-Professur William Zammit tkellem fuq kollox b'aċċent qawwi dwar l-istudji u l-kitbiet ta' Karmenu u s-snin twal ta' tfittix bir-reqqa f'ħafna arkivji f'Malta u barra, b'mod speċjali Londra u Ruma. Il-Prof. Zammit semma l-esperjenza tiegħu kif Karmenu fit-tagħlim tiegħu tal-istorja kien joħroġ l-entużjażmu tiegħu, "li kien jimliek b'kuraġġ kbir".

Fl-għeluq tas-serata Ħuna Silvestru radd ħajr minn qalbu għal kull għajnuna li sab minn bosta, uħud preżenti, fil-pubblikazzjoni tat-tliet volumi ta' ħuh Karmenu: l-ewwel volum (bil-Malti) dwar il-Madonna tal-Grazzja u s-Santwarju u l-Belt Hompesch; it-tieni (bl-Ingliż) dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Grazzja u San Ġorġ Preca, li fih ippubblika diversi ritratti tal-qaddis Malti li huwa kien ġibed, waqt li dan it-tielet volum (bl-Ingliż u bil-Malti) huwa dwar Mikiel Anton Vassalli, l-ilsien Malti u aspetti tal-istorja postali u filatelika ta' Malta, flimkien ma' serje ta' ittri ta' Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali, lill-aħwa Bonavia, li kienu wkoll esibiti fil-Mużew tas-Santwarju għall-okkażjoni.

## 2. "*ISSA L-MUMENT*" ta' Ħuna Patri Mario Attard OFMCap

Imnebbaħ minn dak li jara ta' kuljum quddiem wiċċu fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo, fejn jgħix u jaħdem ta' kappillan, misjuq mit-Tieni Ittra ta' San Pawl lill-Korintin meta jgħid: "Araw, issa hu ż-żmien tajjeb; araw, issa hu jum is-salvazzjoni!" (2 Kor. 6:2), Fr Mario Attard jagħtina katekeżi ħelwa, skont ma l-Ispirtu tal-Mulej għoġbu jagħtih, ta' x'jiġifieri tgħix il-mument preżenti. Il-ktieb *Issa l-Mument* jinbex lill-qarrej u 'l-qarrejja ħa jaraw ftit kif jistgħu jgħixu l-mument preżenti ta' ħajjithom bl-aħjar mod. Iħalli f'idejhom jekk dan il-waqt jagħmluhx possibbli jew... impossibbli...




## 3. IS-SEBA' KELMIET TA' ĠESÙ – KTIEB ĠDID MIKTUB MINN MARTIN MICALLEF

*Is-Seba' Kelmiet* ta' Ġesù huwa ktieb ġdid miktub minn Ħuna Martin Micallef u ppubblikat mid-dar tal-pubblikazzjoni Reliġjon u Ħajja. Il-ktieb huwa frott ta' ċelebrazzjoni li saret is-sena l-oħra fil-parroċċa ta' San Ġwann, b'meditazzjonijiet dwar dawn is-seba' kelmiet miktubin mill-istess awtur.

It-Tradizzjoni Nisranija tislet is-seba' kelmiet tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu minn fuq is-salib bħala meditazzjoni għal wieħed mill-aqwa waqtiet fis-sena liturġika: il-Ġimgħa Mqaddsa, li tibda b'Ħadd il-Palm u tkompli biċ-ċelebrazzjoni tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù sakemm twassalna għall-qawmien tiegħu. Is-seba' kelmiet jirreferu għal seba' waqtiet differenti li fihom Ġesù tkellem waqt li kien imsallab ma' salib. Fil-fatt dawn il-kelmiet insibuhom imxerrdin fl-erba' evanġelji u huma indirizzati lil persuni differenti, fosthom lill-ħalliel it-tajjeb, lil ommu u lid-dixxiplu l-maħbub, imma fuq kollox lill-Missier tas-sema, li miegħu Ġesù żamm djalogu kostanti saħansitra waqt li kien qed imut.

Maż-żmien il-kliem li Ġesù stqarr minn fuq is-salib ġie magħqud flimkien f'sekwenza waħda f'mixja ta' riflessjoni spiritwali li tmur taħt l-isem ta' "Is-Seba' Kelmiet tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu". Huwa tassew impressjonanti taqra dawn is-seba' kelmiet ta' Ġesù f'daqqa, b'mod unitarju. Dawn huma l-aħħar kelmiet tiegħu. Hekk kif kien qed joqrob biex imut Ġesù wriena dak li kien hemm fil-qalb tiegħu: sentimenti u ideat ta' maħfra, ta' abbandun u fiduċja bla qies f'Missieru. Anke jekk fl-istudji bibliċi huwa rakkomandat ħafna li kull evanġelju għandu jinqara għalih minħabba t-teoloġija partikolari li jippreżentalna kull evanġelista, dan l-eżerċizzju tas-seba' kelmiet ta' Ġesù jibqa' wieħed spiritwali b'xejra meditattiva fuq dan it-testment spiritwali li Ġesù ħallielna hekk kif kien qed imut.



## 4. IRTIR TAR-RANDAN GĦALL-AĦWA TAL-PROVINĊJA



Nhar il-Ħamis, 23 ta' Frar 2023, l-għada ta' Ras ir-Randan, ġie organizzat nofstanhar irtir għall-aħwa kollha tal-provinċja. Dan l-irtir sar fid-dar tas-sorijiet ta' Saint Joseph, ir-Rabat u tmexxa minn Fr Twanny Chircop OFM, Ministru Provinċjali tal-Aħwa Minuri. It-tema prinċipali ta' dan l-Irtir kienet "Il-maħfra u l-fejqan mill-weġgħat". Fr Twanny tkellem dwar kif hija realtà tal-ħajja tagħna, ladarba ngħixu flimkien, li nweġġgħu lil xulxin, u għalhekk ilkoll kemm aħna għandna bżonn il-fejqan. L-aħwa li attendew matul l-irtir kellhom iċ-ċans li jisimgħu l-konferenza ta' Fr Twanny, iqattgħu ħin fit-tul ta' skiet b'mod personali u anke mument ta' adorazzjoni flimkien. Dan l-irtir għalaq b'ikla flimkien.

## 5. ADORAZZJONIJIET VOKAZZJONALI

Matul ix-xahar ta' Frar ġew organizzati żewġ adorazzjonijiet vokazzjonali. L-ewwel waħda saret fil-knisja tagħna tal-Kalkara. Kif isir kull nhar ta' Erbgħa l-fraternità tagħna tinġabar flimkien biex flimkien man-nies titlob għal aktar vokazzjonijiet fi ħdan il-Knisja u fi ħdan il-provinċja. L-Erbgħa 15 ta' Frar din l-adorazzjoni ġiet organizzata flimkien mas-sorijiet Ursolini. L-aħwa tagħna flimkien ma' dawn is-sorijiet u n-nies kellhom flimkien mument ta' adorazzjoni u wara talbu l-Għasar. Wara dan il-mument ta' talb is-sorijiet kienu mistiedna biex jingħaqdu għall-ikel mal-aħwa tal-fraternità. Imbagħad it-Tnejn 20 ta' Frar ġiet organizzata mill-équipe vokazzjonali tagħna adorazzjoni vokazzjonali fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan, li għaliha kienu mistiedna kemm l-aħwa kollha tagħna kif ukoll il-parruċċani ta' din il-parroċċa. Kienu diversi aħwa li attendew għal dan il-mument minn diversi fraternitajiet u b'hekk tassew stajna nagħtu xhieda tal-fraternità ta' bejnietna.



## 6. IRTIR TAR-RANDAN GĦALL-MEMBRI AĦWA FIL-GRUPP KOPPJI FRANĠISKANI

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Frar 2023 – L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN – il-membri aħwa tal-grupp Koppji Franġiskani tal-Furjana organizzaw għal sena oħra l-irtir tar-Randan imqaddes. Dan, flimkien mal-irtir tal-Avvent, qed ikun għalihom appuntament ta' kull sena. Mal-membri aħwa ta' din il-fraternità Franġiskana kienu wkoll mistiedna l-grupp tal-voluntiera li jagħtu s-sehem tagħhom mit-Tnejn sal-Ġimgħa fl-Uffiċċju

tal-Missjoni fil-Furjana, kif ukoll membri mill-grupp tas-Senior Citizens tal-Furjana. B'kollox kien hemm 50 parteċipant li attendew għal dan l-irtir, li ġie animat mil-Ministru Provinċjali Ħuna Patri Ivan Scicluna OFMCap. It-tema tal-irtir kienet *lectio divina* dwar is-Salmi: "Nitgħallmu nitolbu permezz tas-Salmi".

Għall-ewwel darba dan l-irtir sar fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana fil-Furjana. It-talb u l-quddiesa ġew iċċelebrati fil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes filwaqt li l-ikla ta' nofsinhar saret fir-refettorju tal-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana. Fl-evalwazzjoni li saret deher ċar li dawk kollha li pparteċipaw kienu sodisfatti bil-mod kif żvolġa dan l-irtir.





## 7. MARATONA MISSJONI – GĦOTJA MILL-FONDAZZJONI U



Nhar l-aħħar tmiem il-ġimgħa ta' Jannar 2023, nhar is-27, it-28 u d-29 ta' Jannar, ġiet organizzata l-Maratona Missjoni – IL-MISSJONI BŻONNOK – mill-Fondazzjoni U. Fost id-diversi benefiċjarji din id-darba kien hemm ukoll il-missjoni tagħna l-Franġiskani Kapuċċini. Aħna, speċjalment permezz tal-voluntiera tagħna, fittixna li nagħtu s-sehem tagħna fl-organizzazzjoni u l-iżvolġiment ta' din il-Maratona Missjoni, kemm f'dik li hija preparazzjoni kif ukoll matul il-jiem tal-maratona. Għal darb'oħra l-ammont totali miġbur fl-aħħar tal-maratona kien wieħed sabiħ ħafna: €615,700. Għal din il-ġabra rekord ngħidu grazzi kbira lill-Maltin u l-Għawdxin għall-ġenerożità u l-imħabba tagħhom lejn il-missjoni u l-missjunarji.

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Frar 2023 Dun Ġwann Farrugia, bħala direttur u fundatur tal-Fondazzjoni U, qassam il-flus miġbura lill-benefiċjarji waqt quddiesa konċelebrata li saret fil-knisja parrokkjali ta' San Publiju fil-Furjana. Aħna bħala Franġiskani Kapuċċini rċivejna s-somma sabiħa ta' €30,000, somma sabiħa li minnha sejrin igawdu ħafna tfal sabiex jirċievu l-edukazzjoni, l-ilbies u l-ikel kif ukoll żgħażagħ seminaristi bil-għan li jilħqu saċerdoti.

# Matul il-jiem tar-Randan

Joseph C. Camilleri
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)



## DRAWWIET

Matul il-jiem tar-Randan f'xi knejjes parrokkjali u konventwali ħolqu drawwiet li kienu jitwettqu minn sena għal oħra. Waħda minn dawn id-drawwiet kienet il-prietka dwar il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Wara din il-prietka kien ikun hemm il-kant ta' wieħed mill-isbaħ salmi - il-*Miserere*.

Drawwa oħra li kienet u għadha ssir hija l-ħruġ ta' vara tal-passjoni kull ġimgħa tar-Randan. Kienu jintgħażlu vari li kienu jirrappreżentaw il-misteri tat-tbatija tar-rużarju. Fl-ewwel ġimgħa kienu joħorġu l-vara ta' Ġesù fl-ort. Fit-tieni ġimgħa kienet tidher fil-korsija tal-knisja l-vara tal-Marbut. Din il-vara kienet ukoll magħrufa bħala 'tal-Kolonna'. Wara l-Marbut kien imiss il-vara tal-Porpra. Xi wħud kienu jsejħu din il-vara bħala 'l-vara tal-*Ecce Homo*'.



Il-Marbut mal-Kolonna
Xogħol ta' Pietru Pawl Azzopardi - Il-Belt Valletta

Ir-raba' ġimgħa kien ikun hemm fil-knisja l-vara tar-Redentur. Din il-vara għandha isem ieħor: xi Maltin isejħulha 'l-vara tal-Imgħobbi'. L-aħħar vara kienet tkun il-vara tal-Kruċifissjoni jew aħjar 'il-Vara l-Kbira'.

Il-knejjes li kellhom u għad għandhom din id-drawwa huma l-knejjes parrokkjali taż-Żejtun u dik ta' Ħal Qormi (il-parroċċa ta' San Ġorġ), kif ukoll il-knisja konventwali tal-patrijiet ta' Ġieżu fil-Belt Valletta. Fil-Belt Valletta mill-knisja ta' Ġieżu kienet toħroġ purċissjoni b'dawn il-vari kull Ħadd tar-Randan. Dawn il-purċissjonijiet kienu jissejħu 'stazzjonijiet'. Naturalment f'dawn il-purċissjonijiet kienu jieħdu sehem il-fratelli tal-Arċikonfraternità tas-Santissimu Kurċifiss. Bormla wkoll kellha din id-drawwa. Id-drawwa Bormliża kienet xi ftit differenti għaliex il-vari ma kinux jinħarġu fil-knisja parrokkjali iżda fl-Oratorju, fejn kienet issir funzjoni żgħira li kienet tinkludi



*Il-Veronika*
*Xogħol ta' Saverio Laferla - Il-Belt Valletta*

prietka.[1] Dan l-aħħar mill-Bażilika ta' San Ġorġ t'Għawdex bdew joħorġu dawn il-vari tal-passjoni kull Ħadd tar-Randan.

Matul il-ġranet tar-Randan, fiż-żmien meta l-opra kienet mezz importanti ta' divertiment, it-Teatru Rjal kien jagħlaq u l-ebda opra ma kienet tittella'.[2] Ommi kienet tgħid li fi tfulitha fir-raħal ta' Ħal Tarxien, waqt ir-Randan, ma kinux jittellgħu d-drammi fit-teatru tal-kappillan. Li kien jittella' kien xi dramm marbut mal-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.[3]

## IL-FESTA TAL-VIA SAGRA

F'wieħed mill-Ħdud tar-Randan kienet issir fil-knejjes il-festa tal-Via Sagra. Fil-knejjes kienu jsiru 14-il prietka għax fil-Via Sagra hemm 14-il stazzjon, jiġifieri prietka fuq kull stazzjon. Il-predikatur kien ikun xi qassis jew patri li kien magħruf għall-għerf tiegħu fejn tidħol il-Kelma t'Alla. Kien irid ukoll ikollu vuċi tajba għax f'dawk iż-żminijiet ma kienx hawn loudspeakers. Bejn prietka u oħra kien isir intervall bil-mużika. Fost il-knejjes li kienu jiċċelebraw din il-festa kien hemm il-knisja parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni u dik ta' San Filippu f'Ħaż-Żebbuġ. Il-Kanonku Dun Ġużepp Bonello jgħidilna li qabel it-Tieni Gwerra Dinjija l-mużika ta' din il-festa kienet f'idejn is-Surmast Pace, magħruf bħala Ta' Babusu. Min-naħa l-oħra, wara din il-gwerra, il-mużika tal-festa tal-Via Sagra kienet f'idejn is-Surmast Lorenzo Galea. Dan is-surmast kien mill-Birgu.

Il-Kanonku Dun Ġużepp Bonello għandu kumment fuq il-mużika ta' din il-festa fil-knisja parrokkjali ta' Bormla: "Din il-festa kienet ukoll għal qalb in-nies, għax ħafna kienu jmorru l-knisja biex jisimgħu l-mużika sagra u funebri li kienet tindaqq bejn prietka u oħra. Niftakru li dak iż-żmien ma kienx hawn la televiżjoni u la CDs. Kull min kien irid jisma' xi mużika sabiħa kien irid imur il-knisja." ■

*Id-Duluri*
*Xogħol ta' Saverio Laferla - Il-Belt Valletta*



Referenzi:

1. Bonello, J. "Ir-Randan fi Tfuliti – Drawwiet li Spiċċaw" f'*Leħen il-Banda San Ġorġ Bormla AD 1862*, nru 31. Festa tal-Kunċizzjoni Immakulata fil-Belt Cospicua, Diċembru 1999: 61.
2. Bonello, J. "Ir-Randan fi Tfuliti..." op cit: 61.
3. Ommi, Lorenza Camilleri (xebba Bezzina), magħrufa aktar bħala Wenza tan-Nuċa, twieldet fl-1921 u mietet fl-2013. Id-dinja tagħha kienet limitata għal dak li kien Tarxiniż. Ħal Tarxien kien jiġi l-ewwel u qabel kollox.

# Mixja Sinodali... Tiġdid veru ta' ħajjitna... F'dinja bil-għatx għal Alla...



Fr Silvestru Bonavia OFMCap

**L-ispinta qawwija li ta l-Papa Franġisku għaċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sinodu tibqa' marbuta ma' ismu u ħidmitu fil-Knisja. Minn ċelebrazzjoni ta' madwar 200 isqof u għadd ta' esperti, fosthom tant lajċi rġiel u nisa, is-sinodu sar bi tħejjija fuq livell ta' djoċesi u ta' grupp ta' djoċesijiet flimkien. Waqt li qed nikteb, fil-bidu ta' Marzu, qed isiru laqgħat fuq livell kontinentali. U mid-dokumenti kollha li jsiru fi tmiem dawn il-laqgħat jinkiteb id-dokument finali, li jiġi ppreżentat lill-isqfijiet fiċ-ċelebrazzjoni tas-sinodu f'Ottubru li ġej u jkompli fit-tieni sessjoni f'Ottubru 2024.**

Hekk dan il-proċess juri li l-Knisja ġa qed tħaddem bl-aħjar mod possibbli din is-"sinodalità" fil-prattika. U nittamaw u nitolbu li dan iħalli frott akbar u jkompli jikber u jissaħħaħ. Imma, kif tenna bosta drabi l-Papa nnifsu, dan irid ikollu pedament sod fil-ħajja mġedda kuljum tal-istess isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi, persuni kkonsagrati u lajċi impenjati. U meta dan it-tiġdid ikun sinċier u impenjattiv iħalli frott kotran fil-Knisja kollha. Infatti ġa fid-dokument kontinentali (par. 98-101) jidher ċar li l-mixja sinodali trid "tieħu l-forma ta' sejħa li ma taqtax għal konverżjoni personali u riforma tal-Knisja" (par. 101). U dan irid iwassal biex isseħħ "ix-xewqa tal-Poplu t'Alla (li wera fir-relazzjonijiet li saru) li l-Knisja tkun inqas dik li tikkonserva li għandha u tkun aktar Knisja li toħroġ barra għal missjoni" (par. 99).

## AĦNA FAMILJA WAĦDA

Aktar ma naqraw dwar is-sinodu u l-Knisja fil-kontinenti kollha u fil-pajjiżi kollha aktar niskopru li aħna "familja waħda" u kemm hawn għatx għal Alla. Għax il-bniedem li jterraq fid-dinja aktar jagħraf u jesperimenta li huwa Alla biss li jaqtagħlu l-għatx veru, u dan iwettqu fis-sħiħ meta jgħix f'għaqda sħiħa l-ewwel miegħu u mbagħad mal-aħwa madwaru. Dawn l-aħwa jistgħu jkunu l-familja proprja, il-grupp li niltaqgħu ta' spiss jew għall-inqas b'mod regolari ma' xulxin jew għat-talb, jew fil-ġemgħa tal-knisja, tal-parroċċa, tal-għaqda tagħna, jew saċerdoti bejnietna jew, u wisq aktar, reliġjużi... u wkoll dawk li jkunu flimkien għal xi għan mhux sempliċiment "filantropiku" – li huwa tajjeb imma mhux biżżejjed! Irridu nkunu mqanqlin mill-fidi tagħna Nisranija sabiex inwasslu lil Ġesù u nżommuh dejjem aktar ħaj b'dak kollu li aħna u b'dak kollu li nagħmlu! Hekk din il-mixja sinodali li għexet u qed tgħix il-Knisja tkun barka u grazzja speċjali mhux biss għal dawk li jieħdu sehem fil-laqgħat imma għal kulħadd u għad-dinja kollha madwarna.



## "KNISJA AKTAR EVANĠELIKA"

Għaliex, kif tenna bosta drabi l-Papa Franġisku, aktar ma l-Knisja tgħix l-ispirtu tas-sinodalità aktar tkun evanġelika u għalhekk aktar tkun strument qawwi u ħaj ta' evanġelizzazzjoni. Jiġifieri tkun aktar tista' twassal aħjar l-Evanġelju. Niftakru li aktar ma qed jgħaddi ż-żmien id-dinja madwarna - anke fostna - saret tant "allerġika" għat-tagħlim ta' Ġesù kif imwassal mill-Knisja. Irrid inkun jien – b'dak kollu li jien u li nagħmel, hi x'inhi s-sejħa tiegħi u l-ħidma tiegħi – veru strument ċar u qawwi, f'waqtu, biex ma nħalli ebda okkażjoni taħrabli ħalli nwassal lil Ġesù kull fejn inkun, kemm jekk jien ħaddiem tal-ġurnata bl-onestà sħiħa fuq ix-xogħol, għalliem bl-imġiba tiegħi u b'dak li ngħid, kemm bil-mod kif nilbes (jew diżgrazzjatament kif ma nilbisx!), kemm fir-relazzjonijiet tiegħi fil-familja, fuq ix-xogħol, fil-ħajja pubblika u privata, kemm jekk jien ċittadin bħall-bqija kif ukoll, u fuq kollox, jekk għażluni biex nirrappreżentahom fl-awtorità tal-pajjiż... fil-ħajja politika, fil-kummerċ... insomma, fl-oqsma kollha immaġinabbli... iċ-ċinema, il-pubbliċità, il-mezzi tax-xandir, il-kitba eċċ. L-importanti li b'dak li jien, li ngħid u fuq li kollox nagħmel nuri lil Ġesù.

Kemm hu għalhekk f'waqtu kliem il-Papa li tenna fl-Udjenza Ġenerali nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar li għadda. Hu wera li kollox irid jibda mill-għaqda tagħna ma' Ġesù: "Qabel ma bagħat id-dixxipli jkomplu l-ħidma tiegħu, l-Evanġelju jgħidilna: "Huwa sejħilhom lejh... u bagħathom fuq missjoni..." (ara Lq. 6, 12; Mt. 10, 1). Ix-xandir jibda minn din il-laqgħa mal-Mulej; kull ħidma Nisranija, b'mod speċjali meta nkunu mibgħuta, tibda minn hemm. Mhux minn dak li nitgħallmu fl-istudji jew il-qari ta' kotba anke tajbin. Le, imma mil-laqgħa mal-Mulej... Hekk biss jien u inti u kull persuna, meta nibqgħu miegħu, nistgħu nwasslu l-Evanġelju ta' Ġesù. Min ma jibqax miegħu ma jistax iwassal l-Evanġelju. Dan iwassal ideat imma mhux l-Evanġelju.

Għax jekk nagħmlu mod ieħor ma naslu qatt biex naqtgħu l-għatx tal-bosta madwarna li jixtiequ jiltaqgħu ma' Ġesù. U permezz tagħna u ta' dawk li nkunu magħhom oħrajn ikunu jistgħu huma wkoll iwasslu lil Ġesù kullimkien.



## NURU LIL ĠESÙ B'ĦAJJITNA

Il-Papa, fi tmiem l-Udjenza Ġenerali li semmejt, ikompli: "Dan hu kif wieħed għandu jxandar lil Ġesù: billi juri lil Ġesù aktar milli billi jitkellem dwar Ġesù. U kif nuruh lil Ġesù? Bix-xhieda tagħna. U fl-aħħar billi mmorru flimkien, bħala komunità. Il-Mulej jibgħat lid-dixxipli kollha imma ħadd ma jmur waħdu. Hekk: immorru bħal ħrief umli u twajbin, mingħajr spirtu tad-dinja. Din hija ċ-ċavetta tas-suċċess fl-evanġelizzazzjoni. Ejjew nilqgħu din l-istedina mingħand Ġesù: jalla kliemu jkun għalina l-punt ta' referenza," isostni l-Papa.

Nixtieq nawguralkom ilkoll l-Għid qaddis mimli barka tal-Mulej. U dan inkompli nagħmlu bi kliem il-Papa, li qal fl-14 ta' Jannar lil grupp seminaristi. Huwa qalilhom, u qed jgħid lilna lkoll: "Iftħu qalbna għal Ġesù u nagħtuhielu b'fiduċja, fil-fidi u fl-imħabba. Dan jitlob li kuljum inrawmu relazzjoni ma' Ġesù, imsaħħa fuq kollox bit-talb, bil-meditazzjoni tal-Kelma t'Alla, bil-għajnuna ta' dawk li jakkumpanjawna spiritwalment u bis-smigħ fis-skiet quddiem it-tabernaklu. Tinsew qatt din: is-smigħ fis-skiet quddiem it-tabernaklu. Fil-fatt huwa f'dawn il-waqtiet ta' relazzjoni familjari mal-Mulej li nistgħu nisimgħu aħjar leħnu u niskopru kif inservu lilu u lill-poplu tiegħu bil-ġenerożità u b'qalbna kollha."

Immaġinaw din ħidmitna, aħna min aħna, u hu x'inhu dak li għandna jew aħna msejħin nagħmlu fil-Knisja, kemm tkun aktar qawwija jekk u meta dan inwettquh FLIMKIEN... Hekk il-mixja sinodali flimkien issaħħaħ bil-wisq aktar il-preżenza ta' Ġesù fid-dinja madwarna.

*Dawn huma x-xewqat tiegħi għal Għid tajjeb u qaddis lilkom ilkoll u lill-familji kollha tagħkom.*

# L-Għid il-Kbir
# Ħaruf bil-qaqoċċ il-forn



Fr Paul Bugeja OFMCap






## Ingredjenti:

koxxa tal-ħaruf ta' 2 kg
2 sinniet tewm
ftit żejt taż-żebbuġa
melħ u bżar
2 1/2 litri stokk veġetali
qlub tal-qaqoċċ imqattgħa flieli tal-flixkun
1/2 meraq tal-lumi
2 zkuk klin (rosemarie)
3 basliet kbar imqattgħa
6 patatiet imqaxxra u mqattgħa flieli kbar

## Tisjir:

B'sikkina fellel il-wiċċ tal-koxxa tal-ħaruf.
Deffes biċċiet tat-tewm u klin (rosemarie) fihom.
Poġġi l-basal fil-qiegħ tad-dixx u wara poġġi l-koxxa tal-ħaruf.
Ferrex il-patata u l-biċċiet tal-qaqoċċ madwar il-koxxa u ferra' l-istokk.
Ferrex il melħ u l bżar u l meraq tal lumi fuq kollox.
Għatti bil-foil il-wiċċ tad-dixx u aħmi ġo forn 200° C għal xi siegħa u nofs u wara neħħi l-foil u kompli aħmi għal 15-il minuta biex jieħu l-kulur.

# Tisliba **Nru 209**



1. Orbot iż-żiemel fih. (Mik. 1, 13) (5)
2. Qatt ... ħaġa bħal din. (Dan. 2, 10) (6)
3. Iżjed ma kotru, iżjed dinbu. (Hos. 4, 7) (5)
4. Daqshekk boloh u għaqlin. (Mt. 25, 2) (5)
5. Ma jkunx hemm dan meta niġi. (1 Kor. 16, 2) (4)
6. Is-sultan ta' wara Ħamat. (2 Slat. 19, 13) (5)
7. Fejn se jiġi jgħammar il-barrani. (Lev. 19, 33) (5)
8. Hekk tkun minn ta' qabel. (Ħag. 2, 9) (5)
9. Xi jrid jibla' Ġobb. (Ġobb 7, 19) (3)
10. Lejn l-Eġittu u lejn hawn. (Lam. 5, 6) (7)
11 u 12. Kif jien ... il-kmandamenti. (Ġw. 15, 10) (6)
13. Hekk għamel liż-żminijiet. (Dt. 4, 32) (5)
14. Kien iħossha tingħafas. (2 Pt. 2, 8) (5)
15. Hekk hi fost in-nisa. (Għan. 1, 8) (5)
16. Mingħand Kristu Ġesù ... (1 Tim. 1, 2) (5)
17. Ta' fejn hu sultan Għog. (Neħ. 9, 22) (5)
18. Ifli l-profondi u l-qlub. (Sir. 42, 18) (7)
19. Billi hu stess hekk. (Lhud 2, 18) (4)
20. Ejja, u ... r-raġel. (Imħ. 4, 22) (3)
21. Din ta' barra tat-tempju. (Apk. 11, 2) (5)
22. Hekk hi minn fuq s'isfel. (Koħ. 7, 26) (5)

Fr Wistin Attard OFMCap



# AQTA' MIN - **Nru 47**

1. Ma riedx jitlob u jittanta lill-Mulej. (Is. 7, 12)
2. Qabel jitgħallem jgħid 'pa' u 'ma'. (Is. 8, 4)
3. Kien fid-dlam, issa ra dawl kbir. (Is. 9, 1)
4. Dawn jaqilgħu lill-aħwa 'l barra. (Ġer. 9, 3)
5. Telgħet mit-twieqi għal ġol-palazzi. (Ġer. 9, 20)
6. Dawn m'għandhomx biex jiftaħru. (Ġer. 9, 22)
7. M'għandhomx ħila jeħilsu mis-sadid u s-susa. (Bar. 6, 10)
8. Dieħla u ħierġa jagħmlu l-għabra. (Bar. 6, 16)
9. Isakkrulu l-bibien minn kull naħa. (Bar. 6, 17)
10. Daħal fih u waqqfu fuq riġlejh. (Eżek. 3, 24)
11. Ser ivenven il-vleġeġ tal-ġuħ u l-qerda. (Eżek. 5, 16)
12. Se jġib fuqhom ix-xabla qerrieda. (Eżek. 6, 3)

## Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Marzu 2023

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA - MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħa jittellgħu bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni **TISLIBA NRU 208** huma Mr u Mrs Joseph Ellul - St Anthony, Triq Żaren Dalli, Birżebbuġa BBG 1527. Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni **Nru 55 OĠĠETTI MILL-BIBBJA (15)** hija Ms Marianna Zammit li toqgħod 43, Melita, Triq Wilġa, Ħal Luqa LQA 1530. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

## Soluzzjoni għal Tisliba #208

**1. Kisru; 2. Fostna; 3. Xitan; 4. Taħti; 5. Ikun; 6. Ħażin; 7. Idoli; 8. Ajkla; 9. Rat; 10. Attenti; 11 u 12. Rażżan; 13. Armati; 14. Xitwa; 15. Bżonn; 16. Anqas; 17. Armla; 18. Imħażen; 19. Ħadu; 20. Mur; 21. Widen; 22. Artal.**

# 8 Modi kif tista' tgħin

L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.

## 1. Borża ta' studju

sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

## 2. Ibagħtulna bolol tajbin jew wżati-

Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilò bolol użati aħna nbigħuh b'€10. Attenti meta taqtgħu bl-imqass il-bolla minn mal-envelope. Jekk tmissu l-bolla u taqtgħu s-snien tagħha (it-truf tagħha) il-bolla titlef il-valur tagħha. Ħallu dan ix-xogħol għalina.

## 3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti

tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Filwaqt li ngħidulkom grazzi nħeġġukom sabiex tkomplu tibagħtu dawn l-irċevuti u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni tagħna fil-Kenja.

## 4. Bazaar b'risq il-missjoni

Minħabba l-kriżi li ħolqot l-imxija tal-COVID-19, għal dawn l-aħħar sentejn il-bazaar li konna norganizzaw kull sena qrib il-Milied ma sarx. Lanqas din is-sena ma sar. Imma minflok dan qed ikollna bħal mini bazaar miftuħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 ta' filgħodu u nofsinhar. Dan il-bazaar qed ikun fid-daħla tal-Uffiċċju tal-Missjoni biswit il-kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana. Ilkoll intom mistiedna sabiex tiġu, taraw u tixtru. B'hekk tkunu qed tgħinu lill-missjoni tagħna fil-Kenja.

## 5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta

sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema.

## 6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal

B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

## 7. Intenzjonijiet għall-quddies

Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

## 8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,

wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
Fr Philip Cutajar OFMCap
Segretarju tal-Missjoni,
Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana
Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525
Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com

BOV KONT PROĠETT HOLA - IL-KENJA: MT04VALL220130000000 40019994646
BOV KONT DAWL FRANĠISKAN - MT02VALL220130000000 40023435175
BOV KONT SEGRETARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI: MT22VALL220130000000 40019998299

*Nota importanti: Huwa ferm meħtieġ li lill-bank tagħtih ismek u kunjomok bl-indirizz tiegħek.*